# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Lulju, 2020**

**Numru 10**

**Rikors Numru 1214/18TA**

**Valhmor Borg Import Export Limited – C 3062**

**vs**

**SM (Marketing) Limited bħala s-soċjeta debitriċi prinċipali u Stephen Galea u Mark Bezzina bħala l-garanti flimkien u in solidum mas-soċjeta debitriċi prinċipali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Valhmor Borg Import Export Ltd li permezz tiegħu premettiet u talbet is-segwenti:

"**A. Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Peress illi s-soċjeta ntimata għandha tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma kumplessiva ta' ħamsa u għoxrin elf, seba mija u sitta u ħamsin ewro u seba ċenteżmi (Euro 25,756.07) rappreżentanti l-

prezz bilanċjali ta' diversi konsenji ta' prodotti għall-konsum lilha mibjugħa u konsenjati fuq talba tas-soċjeta ntimata;

2. Illi Joseph Azzopardi għas-soċjeta rikorrenti jaf b'dawn il-fatti huwa personalment.

**B. Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-proċeduri**

3. Peress illi l-intimati ġew interpellati għall-ħlas bilanċjali diversi drabi baqgħu inadempjenti;

4. Peress illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu għat-talbiet attriċi;

**C. Talbiet tar-rikorrenti**

Jgħidu l-intimati għar-raġunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-

1. Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 – 171 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili; u

2. Tikkundanna lill-intimat flimkien u in solidum iħallsu l-ammont bilanċjali kumplessiv ta' ħamsa u għoxrin elf, seba mija u sitta u ħamsin ewro u seba ċenteżmi (Euro 25,756.07) flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mit-28 ta' Frar 2017 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Frar 2018 u tal-10 ta' Ottubru 2018, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed ikun intavolat kontestwalment mal-preżenti, kontra l-intimati lkoll li huma nġunti għas-subizzjoni."

Rat li l-Konvenuti kollha ġew notifikati skont il-liġi;

Rat li minkejja li l-kawża saret abbażi tal-artikoli 167 et sequens tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u ċioe' bil-proċedura speċjali sommarja, il-Qorti, fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2020, xorta tat 20 ġurnata żmien lill-Konvenuti sabiex jagħmlu risposta ġuramentata u għalhekk il-Kawża ħadet il-kors ordinarju tagħha;

Rat li l-Konvenuti ma għamlux risposta ġuramentata u għalhekk baqgħu kontumaċi;

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2020, il-Konvenuti ngħataw il-fakulta' li jippresentaw nota ta' sottomissjonijiet fi żmien għaxart ijiem fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta , iżda baqgħu ma ppresentaw xejn;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-Kawża;

Semgħet ix-xhieda ta' Patrick Zammit prodott mis-Soċjeta'Attriċi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2020;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-Qorti eżaminat id-dokumenti esebiti (a' fol 5 u 6). Mid-dokument B jirriżulta, li s-Soċjeta' Konvenuta hija d-debitriċi prinċipali fis-somma li qed tkun mitluba. Mill-imsemmi dokument jirrisulta ukoll, li l-Konvenut Stephen Galea ikkostitwixxa lilu nnifsu garanti solidali mas-Soċjeta' Konvenuta għall-ħarsien u bħala garanzija ta' kull pagament li talvolta seta' jkun dovut lis-Soċjeta' Attriċi. Xehed bil-ġurament Patrick Zammit, rappresentat tas-Soċjeta' Attriċi, li kkonferma li l-ammont li qed jintalab

għadu dovut u li s-Soċjeta' Attriċi baqgħet tibgħat statement kull xahar lill-Konvenuti ta' dak li kien għadu dovut minnhom.

Kif ingħad aktar 'l fuq, il-Konvenuti ħassew li ma kellhomx jikkontestaw il-kawża. Saħansitra ġew akkordati l-possibbilita' li jippresentaw risposta ġuramentata u ma għamlu xejn. Lanqas nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artikolu 158 (10 ) tal-Kap12 tal-liġijiet ta' Malta ma ħassew li kellhom jagħmlu. Għalhekk, il-Qorti hija konvinta li fid-dawl ta' dan kollu, is-Soċjeta` Attriċi għandha raġun u t-talbiet tagħha huma mistħoqqa u għandhom jintlaqgħu.

## <u>Decide</u>

Għaldaqstant, il-Qorti għar-raġunijiet imsemmija qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba fid-dawl tal-verbal tal-21 ta' Jannar 2020;

**Tilqa' it-tieni talba** u tikkundanna lill-Konvenuti flimkien u in solidum bejniethom iħallsu l-ammonti bilanċjali kumplessiv ta' ħamsa u għoxrin elf, sebgħa mija sitta u ħamsin ewro u sebgħa ċenteżmi (€25,756.07) flimkien mal-imgħaxijiet legali mit-28 ta' Frar 2017.

Bl-ispejjes tal-kawża, flimkien ma' dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Frar 2018 u tal-10 ta' Ottubru 2018, kif ukoll tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li ġie presentat kontestwalment mal-Kawża, a' karigu tal-Konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**